**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 251 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**BRIAN GREEN**

Illum, 16 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Green detentur tal-karta ta' l-identita 248571 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu cioe' Moira Green hekk kif certifikat minn Dr Ang Siok Kheng (Med Reg 5921), liema persuna hija l-mara ta' Brian Green.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok u postijiet ohra fil-gzejjer Maltin nhar it-12 ta' Jannar 2019, u fil-jiem u xhur ta' qabel:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-istess Moira Green u liz-zewg ulied bniet tieghu Nicole Green u Kirsty Green biza' li se tintuza vjolenza kontrihom.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Moira Green, Nicole Green u Kirsty Green ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-23 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221 (1), 222 (1) (a), 202 (h), 251 B, 251 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil BRIAN GREEN hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrih u ikkundannatu disa' (9) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Moira Green u Nicole Green kontra imgieba tal-hati li ikkagunat biza' ta' vjolenza, b' zieda mal-piena, ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess BRIAN GREEN a tenur tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta: kwantu ghal Moira Green ghal zmien sentejn u kwantu ghal Nicole Green ghal zmien sitt (6) xhur u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.

Ghall-fini tal-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati BRIAN GREEN sabiex jinghata trattament ghall-kontroll ta' rabja u dan ghal perijodu ta' sentejn mill-llum, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.

Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Brian Green minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u konsegwentement **TILLIBBERAH** minnhom; jew alternattivament **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **L-Ewwel Aggravju Jirrigwarda Apprezzament hazin tal-Provi u tal-Ligi Applikabbli fis-sejbien tal-htija taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ressqet lill-parte civile tixhed. L-appellant ghalkemm kellu d-dritt illi jaghzel li ma jixhidx, xehed u ta' il-verzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn spjega d-dinamika tal-incident.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Cio' nonostante pero' l-appellant ghazel li jixhed u jaghti l-verzjoni tal-fatti minnhu ravvizati.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' proof beyond a reasonable doubt' :

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita' .

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal- **Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi is- segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d' ordine pubblico; ' the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal- innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jipprovaw xejn dwar l- innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal- imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi peress li dan kien incident illi jirrigwarda vjolenza bejn zewg mahbubin u illi jghixu taht l-istess saqaf tajjeb illi wiehed jaghmel referenza ghal dak li qal il-Magistrat Joe Mifsud fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Paul Abela** deciza nhar l-10 ta' Ottubru tas-sena 2019 fir-rigward tal-vjolenza domestika:

*Ir-relazzjonijiet taghna fil-familja huma importanti hafna f' hajjitna ghaliex il-familja ghandha tkun l-ambjent fejn insibu lil min ihobbna u lil min inhobbu. Il-familja hija l-post*

*fejn ghandek thossok safe u fejn tista' tkun libera jew liberu taqsam hajtek ma' dawk ta' madwarek.*

*Imma sfortunatament hawn ambjenti li huma eżatt il-kontra ta' dak li l- familja ghandha tkun: ambjenti fejn m' hemmx sliem, fejn nisa u tfal, u xi drabi anke irġiel, jiġu abbużati, imbeżżgha, u anke umiljati minn xi membru iehor tal-familja, kulltant anke jispiċċaw vittmi ta' vjolenza harxa.*

*Il-vjolenza fil-familja hi mifruxa. Hi fost l-aghar vjolenza li wiehed jista' jesperjenza ghaliex hija vjolenza mwettqa minn min suppost ihobbok u suppost jipproteġik fid-dar; il-post li suppost huwa l-aktar post fejn ghandek protezzjoni f' hajtek u fejn it-tfal jitghallmu l-eżempji tajba biex jikbru f' adulti maturi.*

*Il-vjolenza fil-familja hija dejjem hażina u qatt ma tista' tiġi ġustifikata, kienu x' kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu ghal-vjolenza. Il-vjolenza tfarrak lill-persuna li tkun qed tiġi attakkata; tkissrilha l-istima taghha nnifisha; taqtaghha mill-kumplament tal-familja u xi drabi twassal ghall-mard serju u konsegwenzi koroh.*

*Vjolenza domestika mhix sempliċiment problema privata tal-familja li trid tinżamm wara bibien maghluqa, iżda sitwazzjoni pubblika li twassal ghall-problemi fis-socjetà. Thalli impatt fuq setturi varji, waqt li twassal ukoll ghall-vjolenza u kriminalità.*

Illi jiġi rilevat illi fil-kaz odjern hemm zewg verzjonijiet kompletament kunfliggenti fejn ghandek il-verzjoni tal-parte civile u l-verzjoni tal-appellant illi ghalkemm seta' baqa' sieket huwa ghazel illi jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu u r-retroxena tal-kaz.

**<u>Xhieda Prodotti</u>**

Illi l-kwerelanta **Moira Green** xehdet illi fit-12 ta' Jannar 2019 ghall-habta tad- 9.30 p.m. jew l-10.00 p.m., wara li baqghet tirrifjuta l-avvanzi sesswali ta' zewgha waqt li kienu fis-sodda, inqala' argument bejniethom fejn zewgha beda jirrabja, qabadha minn xagharha, kaxkarha minn gos-sodda u beda jtiha bis-sieq u refa' idejh fuqha. Fissret illi zewgha kaxkarha "*mill-kamra tas-sodda sas- salott minn xaghari u minn idejja u jtini ...*". Meta wara ftit regghet marret fil- kamra tas-sodda fejn kien hemm zewgha, l-appellant qalilha "*Inti ghadek hawn? Ma tlaqtlix ' il barra?*" u rega' hebb ghaliha, qabad itiha bil-ponn. Kien hawnhekk li hi intefghet fuq is-sufan fejn l-

appellant kompla jaghtiha bil-ponn u bis-sieq. Moira Green kompliet tispjega illi sadanittant, l-appellant filwaqt li kien qed jghajjat biex hi titlaq ' il barra, kaxkarha minn dirghajha biex jitfaghha t- tarag izda rnexxieha tiskansah u regghet intefghet fuq s-sufan fejn l-appellant kompla jaghtiha bil-ponn u xejrilha daqqa ta' ponn minnhom fuq ghajnejha tan-naha tax-xellug.

Ix-xhud kompliet tghid illi zewgha baqa' jinsisti li hi titlaq ' il barra mid-dar u meta marret biex tiehu c-cwievet tad-dar qabel harget, hu hareg jigri warajha, hadilha c-cwievet u qalilha li ma ghandhiex bzonnhom ghaliex mhux diehla iktar god-dar. Qalet illi wara li marret ghand omm l-appellant u minn hemmhekk cemplet lil ohtu biex tgharrafha x' kien qed jigri, saqet lejn l-isptar "*b' ghajn wahda*" ghaliex ma setghet tara mill-ghajn l-ohra, fejn hemmhekk irrapportat l-incident lill-Pulizija kif ukoll lis-*social workers* li wkoll marru l- isptar biex jiehdu l-verzjoni taghha ghall-fini tar-*risk assessment*. In kontro- ezami, ix-xhud stqarret ukoll illi t-tifla l-kbira tal-partijiet, Nicole, ukoll marret l-isptar biex taraha u kienet hi li baghtitha d-dar ghand missierha biex ma taqlax hi wkoll minghand l-imputat kif ukoll biex tiehu hsieb lil hutha t-tewmien.

Ziedet tghid illi meta telqet mill-isptar, minflok marret id-dar, marret fil-villeggjatura li huma kellhom ix-Xghajra u waqt li kienet hemmhekk, irceviet messagg minghand it-tifla Nicole li kienet id-dar ma' missierha l-imputat, li kien qed jhedded li "*jekk ma tigix fi zmien siegha ... ha jsiefer bina u ha jitlaq bina bit-tfal.*" Ix-xhud qalet li hi bdiet tibza' tmur id-dar wahedha u ghalhekk cemplet lill-Pulizija izda huma infurmawha li ma setghux jakkumpanjawha. Meta waslet id-dar, ghall-habta tat-8.00 a.m., l-appellant beda jakkuzaha li kienet qed tigri ma' haddiehor mal-lejl u qalilha biex titlaq ' il barra u biex terga' tmur ma' min kienet qed tigri. Fissret illi l-appellant kien ser jaqbadha u jitfaghha l- indana tat-tarag tal-kcina quddiem it-tfal, rega' kecciha ' l barra minghajr ma halliha tiehu xejn maghha u pprova wkoll jitfaghha l-indana tat-tarag ta' wara l- bieb.

**Moira Green** ikkonfermat ukoll waqt id-depozizzjoni taghha, illi kienet imbezza' minn zewgha ghaliex matul l-ahhar snin, kienet tigi msawta minnu "*bil-lejl kemm il-darba*" u dan minhabba li ma tkunx trid ikollha x' taqsam mieghu sesswalment. Kienet tibza' tghid le ghaliex l-appellant kien jigbidha minn xagharha. Stqarret illi hi

qatt ma rrapportat dan is-swat lill-Pulizija ghaliex qatt ma garrbet griehi qabel, peress li "*l-bicca l-kbira jigbdek minn xaghrek u jtik bis-sieq li jiena m' iniex sejra l-Ghassa nghidilhom ' Isma' , r- ragel tieghu gibidni minn xaghri u tani bis-sieq' , ghaliex dak il-hin ma jkun jidher xejn.*" Rigward l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, hi xehdet li ghamlet rapport lill-Pulizija ghaliex setghet turi sinjali cari tal-vjolenza li garrbet. Madanakollu, fissret illi kienet tibza' tghid le lir-ragel.

Rigward incidenti ta' vjolenza li sehhew fil-passat, Moira Green xehdet illi t- tfal il-bniet taghhom, Nicole u Kirsty, kienu jibzghu minn missierhom, specjalment Nicole. Fissret illi tliet gimghat qabel l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, l-imputat kien sawwat lilha u lil Nicole meta gie lura d-dar mix-xoghol u ra li z-ziemel kien ghadu ma kielx:- "*L-ewwel qabad jaghti lili gol-kamra tas- sodda u mbaghad kien hemm il-kbira fuq taghmel il-homework ... fil-kcina, qabdilha l-affarijiet tal-iskola, spicca kollha jigru fuq il-bejt bil-baskett tal- iskola b' kollox, u qabad jaghti lilha wkoll,*" Xehdet ukoll li fis-sajf li ghadda, l-appellant kien qabad isawwatha f' nofs it-triq ghaliex sab il-bowl tat-tigieg vojta u meta marru lura d-dar u kienet lahqet waslet it-tifla l-kbira mix-xoghol, ta' xebgha wkoll lilha.

Illi l-appellant **Brian Green** xehed u cahad dan kollu fejn spjega illi dakinhar tal-incident ghall-habta tad-9.00p.m., martu rrifjutat li tkun intima mieghu u hu akkuzaha li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. "*Hi qamet minn fuq is-sodda, dak il-hin waddabt lighter, nahseb li dak il-hin ilqattha, ghax bqajt gos-sodda jien, infaqghet tibki fuq is-salott u x' hin fettlilha harget mid-dar.*" L-appellant, ghalkemm stqarr li dak il-hin kellhom argument bil-kliem u li laqatha bil-lighter "*fuq is-suf t' ghajnejha*", sostna li huwa baqa' fis-sodda, ma qam fl-ebda hin u baqa' imqajjem jistenna lil martu lejl shih fil-gallarija. Kompla jispjega illi sussegwentement, huwa sar jaf illi ghall-habta tal-11.00 p.m., martu kienet marret ghand ohtu u talbitha mobile, izda dan sar jafu l-ghada wara li nheles mill-arrest.

**L-appellant** zied jghid illi fis-6.00 a.m. l-ghada fil-ghodu, 13 ta' Jannar 2019, cemplulu l-Pulizija biex jinzel l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq biex ikellmuh fis-1.00 p.m. ghaliex martu kienet dahlet l-isptar bi griehi hfief. L-imputat cahad illi huwa kellem lit-tifla l-kbira, Nicole, dwar dak li kien gara bil-lejl u qal li fil-ghodu, gabar lit-tfal u marru dawra bil-karozza biex ifittxu lil martu. Imbaghad stqarr illi ghall-

habta tad-9.00 a.m. martu giet id-dar u qaltlu li kienet l-isptar minhabba girfa li kellha fuq mohhha meta hu kien laqatha bil-lighter waqt l-argument li kellhom il-lejl ta' qabel. L-appellant stqarr ukoll li martu wrietu dak il-hin il-girfa li kellha fuq ghajnejha. Qal ukoll li hi ma riditx tghidlu fejn marret wara li harget mill-isptar u ghalhekk dak il-hin qalilha "*tista' terga' tohrog ' il barra*" u hi harget. Fisser li martu damet biss ftit minuti d-dar dak il-hin u cahad li messha f' xi hin.

Rigward bintu Nicole, l-imputat sostna li huwa minnu li xi sena qabel l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, hu kien gibdilha gizirana minn fuq ghonqha u kien anke gibdilha xagharha f' zewg okkazzjonijiet, izda spjega li dan kien ghamlu ghall- gid taghha.

Illi xehdet ukoll it-tifla tal-partijiet **Nicole Green** fejn spjegat li dakinhar tal-allegat incident ghall-habta tal-11.00 p.m. fit-12 ta' Jannar 2019, irceviet messagg minghand ommha Moira Green li qaltilha li l-appellant kien kecciha mid-dar u kienet tinsab l-isptar. Dan il-messagg kien mibghut minn fuq it-telefon taz-zija. Kompliet tghid illi hija marret hdejn ommha minghajr ma qalet lil missierha, l-appellant, u rat lil ommha bid-dmija fuq mohhha u fuq il-minkeb. Meta waslet lura d-dar, l-appellant qalilha li kien kecca lil ommha mid-dar u dan ghaliex ghandha lil xi haddiehor. Ix-xhud qalet li ratu ftit dispjacut dak il-hin. L-ghada filghodu, fit-13 ta' Jannar 2019 missierha qalilha biex jitilqu minn Malta, flimkien ma' hutha z-zghar, u riedha tfittex il- passaporti biex jitilqu u sadanittant, ix-xhud kienet qed tgharraf lil ommha b' dak kollu li kien qed jigri.

F' hin minnhom harget flimkien ma' missierha u hutha z-zghar bil-karozza biex ifittxu lil ommhom, izda wara xi siegha regghu lura d-dar ghaliex ma sabuhiex. Wara ftit, waslet ommha d-dar u f' hin minnhom, waqt li kienu qed jargumentaw, rat lil missierha ha jipprova jifta' lil ommha mit-tarag tal-kcina ghal isfel billi imbottaha. Imbaghad ratu wkoll jipprova jitfaghha t-tarag mis-salott ghall-bieb t' isfel, madanakollu hi ma waqghatx ghaliex bdiet izzomm. Ix-xhud kompliet tispjega illi ommha telqet mid-dar b' idha f' idha ghaliex l-appellant nizel warajha u waqt li kienet hierga, hadilha l-handbag. Qalet ukoll li f' dan il-handbag l-appellant sab xi flus, cirka elfejn Euro b' kollox, u beda jallega li ommha kienet serqithomlu. Dak il-hin, missierha mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jirrapporta li s-serq tal-flus u hi

akkumpanjatu fejn hemmhekk, tkellmet mas-social workers dwar ir-relazzjoni taghha ma' missierha u dwar is-sitwazzjoni tal-familja.

Rigward incidenti li sehhew qabel it-12 ta' Janar 2019, Nicole Green xehdet illi darba minnhom, ghall-habta ta' Settembru tas-sena 2018, missierha kien cemplilha fuq ix-xoghol u qalilha la tasal id-dar, ser ikellimha ghaliex nesiet titma' lit-tigieg. Spjegat li marret id-dar "*imsarni f' saqajja*" u kif waslet, l-appellant kien taha daqqa ta' ponn fuq xofftejha u gibidha minn xagharha ghaliex nesiet titma' lit-tigieg. Xehdet ukoll dwar l-episodju meta l-imputat sar jaf li z- ziemel ma kienx ghadu kiel, u spjegat illi meta l-appellant gie lura d-dar mix- xoghol **beda jghajjat**, "*tela' fuq u beda jwegga' il mummy u beda jwegga' lili u lili* ***hadli l-baskett tal-iskola u garali kollox fuq il-bejt****. ... il mummy beda jaqbadha minn xagharha u mill-flokk u lili beda gej u sejjer fil-kamra u lili beda jtini hu ... b' idejh.*"

**<u>L-ewwel Imputazzjoni:</u>**

*1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu cioe' Moira Green hekk kif certifikat minn Dr Ang Siok Kheng (Med Reg 5921), liema persuna hija l- mara ta' Brian Green*

**Offizi fuq il-persuna – artikoli 214, 215, 216, 218, 222(1) tal-Kap 9**

Illi d-dispozizzjonijet relevanti (fil-Kodici Kriminali) dwar klassifikazzjoni tal-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

**216. (1**) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -

(a) jekk tista' ġġib periklu

(i) tal-hajja; jew

(ii) ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew

(iii) ta' difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-ġisem; inkella

(iv) ta' marda permanenti tal-mohh;

(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f' waħda mill-idejn tal-offiż;

(ċ) jekk tkun magħmula b' ferita li tidħol f' waħda mill-kavitajiet tal- ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl- artikolu 218;

(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;

......

(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f' periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis- subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il- konsegwenzi naturali tal-offiża.

.......

**218. (1)** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin -

(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f' parti tal-għamla tal- ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;

(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f' waħda mill-idejn tal-offiż;

(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi għall-offiza hekk imsejħa "gravi" u l-artikolu 218 għall-offiza "gravissima".

Illi biex jissusti r-reat ta' l-offiza volontarja, hi meħtieġa l-intenzjoni generika li wieħed jagħmel ħsara. Huwa ben stabbilit li:

Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, zgħira kemm hija zgħira dik il-ħsara li jkollu f' moħħu li jagħmel, hu irid wiegeb għall- konsegwenzi kollha li

effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu. [1] Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Il-**Professur Mamo** jghid:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika vs Domenic Briffa** sahqet illi:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f' pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l' inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l' ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma*

[1] Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998

*tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l' accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all' art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi</u> deciz mill- Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f' idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f' idejn il- gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f' idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq ' opinjoni medika' . It- tabib jew tobba jispjegaw x' irriskontraw bhala fatt; u, jekk il- qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x' hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francis Dingli</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn gie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id- deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f' wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l- incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L- Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f' certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il- figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f' dan il-kaz il- magistrat) u dan kien perfettament intitolat li*

*jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f' posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il- marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l- Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emily Zarb".*

Ghalhekk huwa minnu illi f' kazijiet ta' offizi fuq il-persuna mhuwiex mehtieg li l-imputat ikollu l-intenzjoni specifika li jikkaguna l-feriti li effettivament hu jkun ikkaguna, izda huwa mehtieg biss animu nocendi generiku. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li "l-*intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal- kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu ... il-kwistjoni tib a' dejjem dik ta' x' kellu verament f' mohhu l-agent ...* (**Pulizija vs Kevin Sammut** (VDG 192/2008) 23.01.2009). *"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic- cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tib a' kwistjoni soggettiva - jigifieri x' kellu f' mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ...[sehh]... l-att"* (**Repubblika ta' Malta vs John Polidano et**, 12.12.2007).

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li "*huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni*".

Illi in kaz in dizamina ghalhekk jidher bic-car illi hemm zewg verzjonijiet kompletament kunfliggjenti bejn xulxin illi izda hija l-verzjoni tal-appellant illi hija l-iktar verosimili u kredibbli. Illi jigi rilevat illi l-verzjoni tal-appellant ghandha mis-sewwa u hija kredibbli minn kull aspett u sahansitra hija korroborata mill-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi jirrizulta b' mod car illi l-verzjoni illi taghti l-kwerelanti hija bil-wisq esagerata u mghandiex mis-sewwa. Illi jista' jkun illi sar dak is-swat kollu u l-appellant sawwatha b' dak il-mod kif iddeskriviet hi u kulma kellha ftit grif u feriti ta' portata hfief. Illi kieku l-appellant ghamel dak kollu li ddeskriviet hi waqt id-deposizzjoni taghha zgur illi ma kienx se jkollha feriti ta' natura hfief izda feriti ta' natura gravi. Illi inoltre kieku kienet mis-sewwa l-verzjoni taghha u illi inqala' dik il-kommozzjoni kollha, l-ghada u cioe' ftit sighat wara l-allegat incident, il-kwerelanta kienet se terga' tmur lura d-dar biex terga' tiltaqa' ma' zewgha. Illi jekk verament kienet daqshekk imbezza' minnu u gara dak kollu li allegat il-parte leza, zgur illi ma kinitx se terga' tmur lura d-dar biss ftit sighat wara bil-konsegwenza illi kienet se terga' tiltaqa' ma zewgha u bil-possibilita' illi jkun hemm konfront iehor.

Illi dan ifisser illi l-parte leza ma kienet kredibbli xejn fix-xhieda taghha. Illi tant mghandiex mis-sewwa l-verzjoni illi qalet il-kwerelanta illi sahanistra anke l-Pulizija bilkemm emmnuha u ma hadux passi minnufih fejn ma marrux jarrestaw lill-appellant imma sempliciment infurmawh sabiex imur l-Ghassa halli ikellmuh. Illi sahansitra l-istess appellant kien sejjer hu stess l-Ghassa stante illi l-kwerelanta qabel ma telqet mid-dar qabdet u serqet il-flus u kienet se tohodhom maghha. Illi kieku kellu x' jahbi daqshekk l-appellant zgur illi ma kienx se jmur minn rajh l-Ghassa tal-Pulizija.

Illi ghalhekk zgur illi l-verzjoni tal-kwerelanta mghandiex mis-sewwa u l-feriti hekk allegatament subiti graw bil-fatt illi kif anke spjega l-appellant innifsu waqt li kien hemm dik il-kommozzjoni fil-kamra bejnu u l-kwerelanta u ntlaqtet mil-*lighter* u wegghet b' dak il-mod u mhux ghax kellu l-intenzjoni illi jweggagha.

Illi rigward dakinhar tal-allegat incident l-appellant jirrileva illi l-verzjoni hekk kif moghtija minnu hija iktar veritiera u ghandha mis-sewwa u ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni imputazzjoni</u>**

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok u postijiet ohra fil-gzejjer Maltin nhar it-12 ta' Jannar 2019, u fil-jiem u xhur ta' qabel:

*Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-istess Moira Green u liz-zewg ulied bniet tieghu Nicole Green u Kirsty Green biza' li se tintuza vjolenza kontrihom*

**L-artikolu 251B** li jiffigura f' din l-imputazzjoni johloq ir-reat ta' min bl- imgieba tieghu jikkaġuna li haddiehor jibza' li ser tintużà vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.

Ta' min jghid li f' dan l-artikolu jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f' haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. It-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. [2]

Illi ssir referenza ghal **<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>** deciza fit-18 ta' Gunju, 2009 fejn kien spjegat dan irreat fil-ligi Maltija:

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.*

***L-artikolu 215A** johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht it-tieni imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b' mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha listess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-*

[2] Ara Qorti tal-Appell Kriminali: Imhallef Dr Joe Galea Debono B.A.LL.D (Il-Pulizija versus Raymond Parnis 18 ta' Gunju 2009 u Qorti tal-Appell Kriminali ' Il-Pulizija versus Massimo Tivisini 27 ta' Frar 2009).

*persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) (c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan lartikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik limgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' : ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. Minn din l-akkuza l-appellant gie liberat.*

*Imbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li limgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott flewwel imputazzjoni li l-appellant instab hati tieghu. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li limgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), imissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f' haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik limgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik lokkazzjoni. Jigifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tarreasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghallharsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghallgudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati.*

*F' sistemi legali barranin gie stabbilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu lvittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghal-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazijiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Jidher li l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu taht dawn it-tipi ta' fastidju.*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b' mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn).*

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: ' **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black' s Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi kunsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu talkawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli.

Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:**

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed** deciz fis-16 ta' Dicembru 2016 fejn rega' gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 251B(1) irid ikun hemm talanqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju:

*Din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi taghha dwar ir-reat ta' fastidju taht l-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li incident wiehed ma jammontax ghal course of conduct skont dak l-artikolu. Inoltre, minkejja dak li nghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha P v Brian Micallef, il-legislatur anki sa llum baqa' passiv u ma interveniex 30 u ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija f' dik is-sentenza, din il-Qorti tirriafferma dak konsistentement ritenut minn din il-Qorti dwar ir-reat imsemmi ta' fastidju li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikolu 251B(1) talKodici Kriminali ghandha tikkonsisti f' mhux inqas minn zewg okkazzjonijiet. (enfasi ta' din il-Qorti)*

*Huwa minnu li fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet P v Mirko Giannetti (21/2/2012), P v Massimo Tivisini (27/2/2009) u P v Alan Caruana Carabez (21/6/2007) jinghad li "r-reat ta' fastidju jrid necessarjament jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti talgudikabbli" izda tenut kont li r-rekwizit ta' tal-anqas zewg okkazzjonijiet ta' agir li jikkaguna lis-suggett passiv tar-reat "jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra lpersuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd ..." huwa parti integrali millelement materjali tar-reat in kwistjoni dawn l-okkazjonijiet iridu jirrizultaw fil-grad li trid il-ligi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u mhux sufficjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebuluza taghhom.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Brian Micallef** tal-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat hekk b' riferenza ghal dak imqajjem mill- appellant li r-reat kontemplat taht l-artikolu 251B ma setax jirrizulta ghax il-kaz kien wiehed ta' darba:

*"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b' riferenza ghar- reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F' dan ir- rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f' okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas żewġ okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l- appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F' dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l- imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is- sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid- definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B' danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-*

*definizzjoni tar-reat tikkonsisti f' aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal- legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l- imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f' mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f' okkażjoni wahda din il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.'*

**L-artikolu 251B** jinsab fis-subtitolu IX taht it-Titolu ' Theddid, Vjolenza Privata u Harassment' . Analiżi tal-artikolu 251B turi li jrid ikun hemm dawn l-elementi: (a) a course of conduct – ' l-imġiba taghha' fit-test Malti; (b) iġġieghel lil hadd iehor jahseb li ser tintuża l-vjolenza kontrih jew il- propjeta' tieghu jew il-persuna jew il-propjeta' ta' axxendenti, dixxendenti, ahwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1); (ċ) it-test tar-reasonable man ghal dik li hija intenzjoni."

Illi fl-ewwel lok l-appellant jikkontendi illi l-verzjoni tieghu hija dik veritiera u mhux vera illi huwa holoq xi tip ta' biza la fil-konfront ta' martu Moira u lanqas fil-konfront ta' bintu Nicole Green fejn fil-fatt huwa cahad kategorikament illi qatt wettaq xi episodji illi setghu kkagunaw xi tip ta' biza' lil martu u lil bintu Nicole Green. Illi ghalkemm hemm verzjonijiet kunfliggenti l-appellant jirrileva illi l-verzjoni minnu moghtija hija dik veritiera u li ghandha mis-sewwa. Illi tant hu hekk illi lanqas biss hemm rapporti ohra precedenti ghal dan ir-rapport mertu tal-kaz odjern. Illi wiehed jassumi illi jekk verament kien hemm tali episodji wiehed ghandu jsib xi tip ta' rapporti illi jikkonfermaw tali episodji.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti thoss izda illi l-verzjoni tal-kwerelanta u ta' bintha hija veritiera, l-appellant xorta jirrileva illi l-episodji illi jsiru referenza ghalihom kemm mill-kwerelanta u kemm minn bintha u abbazi taghhom l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fl-appellant jirreferu ghas-sena 2018 u mhux ghas-sena 2019 mentri l-akkuza tirreferi biss u limitatament ghas-sena 2019 [u dan peress illi l-akkuza taqra *nhar it-12 ta' Jannar 2019, u fil-jiem u xhur ta'*

*qabel*]. Illi kieku verament il-Prosekuzzjoni riedet tirreferi ghas-sena 2018 kienet fl-akkuza taghmel fil-jiem, fix-xhur u fis-snin ta' qabel. Illi l-mod kif inhi postulata l-akkuza teskludi kwalunkwe referenza ghas-snin ta' qabel u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha biss tiehu konjizzjoni ta' episodji illi sehhew biss fl-2019 fejn la l-kwerelanta u lanqas bintha ma jsemmu episodji illi sehhew fl-2019.

Illi l-appellant jirrileva illi l-episodji "inkriminanti" allura jirreferu ghal sena differenti mill-akkuza addebitata lill-appellant u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni ta' dawn l-episodji. Illi dan ghaliex minn dawn il-fatti jemergi illi semmai l-azzjonijiet tieghu kienu jirreferu ghas-sena 2018 u mhux ghal *nhar it-12 ta' Jannar 2019, u fil-jiem u xhur ta' qabel* u cioe' l-akkuza addebitata lilu u ghalhekk iktar u iktar ma jistax instab hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza f' l-ismijiet **<u>Pulizija vs John Mary Briffa</u>**, fejn l-appellant f' dik il-kawza gie akkuzat b' reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f' l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f' l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn l-istess Qorti f' diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema</u>**, it-

tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl- akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq ' il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f' dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Illi ghalhekk jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti mghandiex temmen il-verzjoni tal-parte leza stante li hija inveritiera u mghandiex mis-sewwa u ghaldaqstant l-appellant ghandu jigi liberat mill-akkuzi hekk kif migjuba fil-konfront tieghu.

2. **<u>It-tieni Aggravju jirrigwarda l-piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma jiddisturbawx il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' ' sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f' kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo</u>**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza,*

*fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Anton Vassallo**</u> **deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues*

*which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

***9.*** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta' lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas,** fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

> *F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. [...]*
>
> *Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn [...].*

Ghalhekk il-piena erogata kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2021.

Ikkunsidrat,

Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn intqal:-

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.

Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-

Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

Illi ghalhekk sabiex tara jekk l-esami li ghamlet l-ewwel Qorti kienx wiehed korrett jew le trid tesamina il-provi prodotti mill-gdid u taghmel apprezzament ta' dak li qal kul xhud u tizen dak li qal billi tikkompara dak li qal ma dak li qalu xhieda ohra u dan sabiex tara min mix-xhieda huwa aktar veritier fil-versjoni tal-fatti kif spjegati minnu. Ghalhekk din il-Qorti qabel ma tidhol u taghmel apprezzament u tevalwa dak li intqal minn kul xhud trid l-ewwel taghmel sommarju tax-xhieda prodotta.

Ikunsidrat

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2019 xehdet **Moira Green u** spjegat li nhar it-12 ta' Jannar, 2019 hija kienet id-dar u ghall-habta tad-9.30 kienu lestew mill-ikla ta' bil-lejl u kulhadd kien ingabar biex imur jorqod. Waqt li kienet fis-sodda ma zewgha dan dar fuqha u ried ikollu x'jaqsam maghha u qaltlu biex ihalliha ghaliex it-tfal tewmin minuri kienu ghadhom imqajmin u biex jistennew ghal aktar tard. Huma ghandhom tlett itfal, tewmin ta' disgha snin u tfajla ta' sbatax. Uliedhom raqdu u hija raqdet ukoll. Waqt li kienet rieqda semghet min itaptpilha bis-sahha u inhasdet. Dak il-hin tghid li zewgha qabad jghajjat maghha u jghidilha '*li mhux il-pulcinell taghha*'. Qabadha min xaghrha kaxkarha minn gos-sodda u beda itiha bis-sieq u waqt li kaxkarha sas-salott jghidilha ' *ghax jiena iddejjaqt ghax jiena xbajt, ghandi mara ohra gejja, lilek xbajt minnek'* u qabad itiha.

Tghid li din mhux l-ewwel darba li grat u tghid li meta jigri hekk wara imur fis-sodda jikkalma u jirrangaw. Dakinhar pero meta regghet marret fil-kamra tas-sodda biex tkelmu qallha 'Int ghadek hawn? Int ma kellekx titlaq'l barra.?' U rega mar

ghaliha u qabad itiha bil-ponn u bis-seq wara li intefghet fuq is-sufan. Jghid li beda jghajjat u qamu t-tfal u bdiet tghidilhom biex imorru jorqduu dan kompla itiha u kien ser jitfahha it-tarag izda irnexcxielha tiskansah. Intefghet fuq is-sufan u rega mar itiha b'daqqa ta' ponn qasmilha ghajnejha in-naha tax-xellug u ma bdietx tara. Dak il-hin rega qallha '*ha titlaq'l barra?*' u dan dejjem b'referenza ghal zewghha Brian Green l-appellant odjern. Imbaghad hasbet li jekk ma titlaqx kien ser joqtolha u ghalhekk gabret bictejn bicciet hwejjeg u telqet 'l barra. Kienu bejn id-9.30p.m u l-10.00p.m.

Dak il-hin gabret ic-cwievet minn fuq xkaffa kif tghamel is-soltu qabel ma tohrog u dan gera warajha u qallha li ma kellhiex ghalfejn tohodhom maghha ghaliex '*hemmhekk ma kienx ser ihalliha tidhol darb ohra.*' Qallha li ma kienx ser ihalliha tara lill-uliedha ghax dawk tieghu u tatu c-cwievet u saqet lejn l-istpar Mater Dei. L-ewwel ma ghamlet kien li cemplet lil ommu u minn hemm cemplet lill-ohtu Marbeck Axiaq biex ikunu jafu x'qed jigri peress li kienet gja qaltilhom ftit ta' zmien qabel li d-dar kien qed ikun hemm il- vjolenza.

Qalet li cemplet lil ohtu bil-mobile ta' ommu ghaliex zewgha ma hallihiex tiehu l-mobile taghha izda ommu tatha il-mobile taghha biex tkun tista tikkomunika maghhom. Tghid li ohtu offrietilha biex tmur maghha l-isptar. Pero peress li ma riditx li tkabbar l-affarijiet hasbet li kien ikun ahjar li tmur wahedha.

Waqt li kienet ghada l-isptar marru ikelmuha l-pulizija tal-Qrendi u spjegatilhom dak li ghaddiet minnu. Ftit wara marru ta' l-Appogg u imliet il-karti maghhom u murija d-dokumenti esebit fl-atti a fol. 9 tghid li dawk huma l-karti li iffirmat l-isptar. Kkonfemrat ukoll ic-certifikat esebit fl-atti huwa dak li inghata lilha waqt li kienet l-isptar.

Murija id-dokument a fol. 22 tal–atti u tghid li dak huwa r-*risk assessment* li sar mill-membri tal-Appogg dwarha. Tghid li hija ma iffirmatx dan id-dokument pero taf x'kitbu ghaliex kienet hi li spjegatilhom dak li ghaddiet minnu. Tghid li hija giet imsawta divesi drabi ghaliex ma tkunx trid ikollha x'taqsam ma zewghha pero din kienet l-unika darba li waslet li taghmel rapport u dan ghaliex fil-passat feriti ma kienx hemm. Tghid li l-bicca l-kbira kien jigbidha minn xaghrha u itiha bis-sieq u peress li ma kien jidher xejn ma hasbitx li kellha tmur l-ghassa tirraporta.

Mistoqsija kif kien igib ruhu mat-tfal tghid li materjalment ma kein jonqoshom xejn pero kienu jibzghu minnu spcejalment il-kbria ghaliex kemm il-darba hebb ghaliha. Anke sa tlett gimghat qabel dam l-ahhar incident kien sawwat kemm lilha kif ukol llil bintha 'l kbira Nicole. Tiftakar li dakinhar kien gie mix-xoghol u z-ziemel kien ghadu ma kilx u kienu gja id-9.00p.m. u dar fuqha u staqsiha ghaliex ma kientix tmat iz-ziemel hi u wigbitu li ma kienitx taf x'jiekol iz-ziemel u dak il-hin qallha ghax *'hi ma tinteressax ruhha li ma thobbx l-annimali'* u qabad itiha fil-kamra tas-sodda imbaghad mar ighati lil bintu l-kbira li kienet qed taghmel il-homework taghha fil-kcina. Tghid li qabdilha l-affarijiet taghha ta' l-iskola u tefaghhom ma l-art u qabad itiha ukoll. Fis-sajf kien hemm incident iehor meta mar fir-razzett u sab li it-tigieg ma kellhomx ikel u beda itiha ghaliex kienu bil-guh. Tiftakar li imbaghad hargu ma shabu qisu ma kien xejn. Dak in-nhar meta irritornaw id-dar binthom kienet ghada gejja lura mill-*part time* u qabad itiha minhabba li t-tigieg ma kellhomx x'jieklu.

Spjegat li dakinhar tal-incient tat-12 ta' Jannar ,2019 l-ghada meta harget mill-isptar ma marritx lura id-dar ghaliex bezghet mir- ragel u marret fil-villeggjatura taghhom ix-Xghira ta' Haz Zabbar. Izda bintha Nicole cempletilha u qaltilha li jekk ma tmurx id-dar missierhom kien ser isifirhom. Ghalhekk telqet u marret lura id-dar. Qabel pero marrret l-ghassa u l-pulizija qalulha li ma setghux jikkompanjawha id-dar pero kienu ser ikunu barra f'kaz li jinqala' xi haga.

Meta dahlet gewwa zewghha rega beda ighajjat u jghidilha biex tmur ma min kienet qed tigri dak il-lejl u biex tara x'ghamlet mal-pulizija. Wegbitu li ma kienet marret imkien izda li kienet Mater Dei. Izda ma emminix u allega li kienet qed tigri u rega qallha biex tohroglu 'l barra u kien ser jaqbad u jitfahha l-indana tat-tarag. It-fal kollha kienu hemm bil-qeda peress li kien kmieni filghodu xi 8.00a.m. Quddiem it-tfal beda ighidla *'Int itlaqli 'l barra', 'Mur irranga dak li ghaffigt'*. Kien ser jitfahha l-isfel u ghalhekk marret tigri tiehu xi bicciet hwejjeg izda ma hallihiex lanqas tiehu l portmoni anke ic-cwievet tax- Xghajra hadilha ghaliex kienu fil-handbag.

Telqet tigri 'l barra u marret ghand ommu u minn hemmhekk cemplet 179 u sabet lil xi hadd ighinha u marret Dar Merhba Bik. Hemmhekk ghamlet jumejn u dak in-nhar meta xehdet kienet regghet irrotrnat id-dar mat-tfal u ghandha garanzija mill-Qorti biex ma jersaqx lejha. L-appellant mar ighix ghand ommu.

Qalet li meta zewghha kien ghadu id-dar bil-lejl kien ikollhom xi jghidu hafna ghaliex xkul darba li tghidlu le biex ma ikollhiex x'taqsam mieghu kien jiggiled maghha u jigbdilha xaghrha. Tghid li bintha Nicole ridet tghamel rapport kemm il-darba izda ma halliethiex biex ma tkissirx familja . Fil-fatt bintha Nicole ilha tghidlha li tixtieq titlaq mid-dar

**L-spettur Roderick Attard** xehed nhar l-14 ta' Marzu, 2019[3] ikkonferma li l-pulizija tal-ghassa taz Zurrieq kienu ircevew informazzjoni minghand pulizija stazzjonat l-emergenza ta' Mater Dei u appuntu minn PC 488 li kien hemm persuna li kienet iddahlet l-isptar wara li din sahqet li kienet soffiret xi giehi f'argument familjari. Sar jaf ukoll li kienu marru is-social workers l-isptar jghamlu assessment u li gie *low risk*. Dak in-nhar il-pulizija ma haditx azzjoni pero l-ghassa 13 ta' Jannar, 2019 kien spettur ta' l-ghassa u marret Nicole bint il-konjugi Green u din bdiet tibki u tishaq li misiserha kien abbusiv anke lejha. Ghalhekk regghu issejhu s-social workers tal-Appogg.

Il-pulizija baghtet ghal Brian Green u dan stqarr maghhom li vera kien gibed xaghar bintu Nicole izda kien ghamel hekk ghaliex kienet qed tohrog ma Gharbi ta' 23 sena meta hija kellha biss sbatax-il sena. Qal ukoll li irrilaxja stqarrija li gharaf bhala dik esebita fl-atti a fol. 10 markata bhal dok B.

**Sylvana Calleja** social worker xehdet nhar l-10 ta' April, 2019 u qalet li hija tahdem fi hdan id-dipatiment tad dometic violence fl –agenzija Appogg. Murija id-dokument markat bhala dok X tghid li dan hu *risk assessment* li ghamlet flimkien mal-kollega Marvic Boya taghha dwar is-sinjura Green nhar it-13 ta' Jannar, 2019 fl-isptar Mater Dei. Spjegat li s-snijura Green dakinhar kienet qaltilhom li kien hemm incident ta' vjolenza d-dar mar-ragel taghha ghaliex hu ried ikollu x'jaqsam maghha u hija ma riditx. Inqala argument fuq din il-materja u qaltilhom li ma kienitx l-ewwel darba li kellhom argument ta' dan it-tip. Tghid li qaltilhom li kien qabadha minn xaghrha u kien taha daqqa ta' ponn f'ghajnejha. Fil-fatt tghid li innotaw li kellha qata' fuq ghanejha u kellha ukoll xi tbengil. Tghid li kien kecciha mid-dar u sabiex tinsa li kellha t-tfal. Kien ghalhekk li telqet minn hemm u marret ghand oht ir-ragel li

[3] Fol. 68

toqghod vicin taghhom u minn hemm marret l-isptar. Qaltilhom li kellha id-demm min fuq ghajnha u ma bdietx tara sew. Ikkonfermat li l-qata' li kellha kienet f'ghajnejha ix-xellugija .

Qalet li ghalhekk l-*asessment* li ghamlu kien wiehed low risk kienu inkwetati minhabba it-tfal li kienu ghadhom mal-appellant u dan ghaliex is-snijrua Green qaltilhom li ma kienitx l-ewwel darba li kien abbusiv maghhom  partikolarment fuq il-bniet li ghandhom 9 u 17 il-sena.

Heggew lis-sinjrua Green biex tmur f'shelter  izda dak il-hin ma accettatx u qalet li kienet sejra fil-post taghhom ta' villeggjatura. Baqghu maghha li kellha titkellem mat-tifla l-kbira u jekk tara li kien hemm xi perikolu minhabba it-tfal iz-zghar kellha iccempel lill-pulizija.

Stqarret li huija konxja li aktar tard kien hemm intervent iehor ta' social worker iehor. Mistoqsija jekk tkelmitx mal-appellant jew mat-tfal tghid li le huma ikelmu biss il-vitma li f'dan il-kaz kienet is-snijura Green.

**Dr Ang Siok Kheng** xehdet nhar il-21 ta' Mejju, 2019 u muriija ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol.9 tghid li dak kien irrilaxjat minnha u kkonfermat li ezaminat lis-sinjura Green nhar it-13 ta' Jannar, 2019 fis-siegha ta' filghodu. Qalet li sabet li kellha ticrita fuq l-ghajn ix-xellugija ta' 2 cm  kif ukoll fil-minkeb tax-xellug taghha. Hija kklasifikat dawn il-griehi bhala dawk ta' natura hafifa u kkonfermat li l-vitma qaltilha li garbet dawn il-griehi ghaliex kellha xi tghid ma zewghha.

**Nicole Green** xehdet nhar il-21 ta' Mejju 2019[4] u kkonfermat li tigi bint l-appellant u li kienet disposta li tixhed u tghid dak li kien gara.  Spjegat li nhar it-12 ta' Jannar, 2019 hija harget mal-habib taghha u ghal habta tal-hdax ta' filghaxija  ommha baghtitlha messag fejn qaltilha li kienet l-isptar. Il-messag intbaghat lilha minn fuq il-mobila ta' zijitha ghaliex ommha ma kellhiex il-mobile taghha l-isptar. Ghamlet mezz biex tmur hdejha u tispjega li missierha ma kienx jaf li marret hdejha ghaliex minghalih li kienet ghand il-hbieb, u ghalhekk missierha ma kienx jaf li hija taf dak li kien gara. Meta marret hdejha sabet lill-ommha bid-dmija fuq mohha u ommha baghtitha lura d-dar. Meta marret lura id-dar missiserha mar hdejha fil-kamra u qallha li kien kecca 'l ommha 'l barra  u qallha qisu li kellha wicc haddiehor.

[4] Fol. 84 tal-process

Imbaghad marret torqod u l-ghada qajjimhom u qallha biex ifittxu l-passport ghaliex kien ser isifer bit-tfal kollha . Sadanitant kienet qed tghid kollox lill ommha dwar dak li kien qed jigri d-dar. Hija bidet tfittex il-passaporti izda ma sabithomx ghaliex ma tafx fejn jinzammu. Qalet li imbaghad beda ifitt4ex lil ommha u anke icemplilha ghand in-nanna paterna u wara spiccaw hargu iz-Zurrieq ifittxuha. Ghamlu xi siegha ifittxuha,. Ftit wara waslet id-dar il-mummy u missierha kien ser jergrha jitfahha ghal isfel. Nizel warajha u hija zammet lil hutha iz-zghar u dan sabiex ma jarawx dawn l-affarijiet. Wara nizlet isfel u rat li missireha kien ser jerga igarha izda dak il-hin kien hemm argument bejniethom u kien hemm l-ghajjat. Tghid li hadilha l handbag u l mummy telqet mid-dar b'xejn. Qalet li ommha thobb tfaddal ghaliex kieku jispiccaw bla flus, u konxja li missierha sab il-flus fil-hand bag. Qalet li meta missierha ra li kellha l-flus ried jinzel l-ghassa biex jirraporta li kienet serqitlu l-flus izda tghid li dawn il-flus dejjem kienu fil-handbag taghha. Qalet li waqt li kienet l-ghassa kien hemm pulizija li staqsietha jekk kienitx lesta li tixhed fil-konfornt ta' missierha u ridet tkun taf fejn kienet ommha u qaltilha li kienet go home. Ftit wara waslu xi social workers u bdew ikelmuha.

Mistoqsija mid-difiza x'messag kienet bgahtitlha mil-isptar tghid li qaltilha li kienet l-isptar u li misseirha kien kecciha mid-dar izda ma kellha xejn gravi. Ikonfermat li xi xhur qabel kienet insiet titma l-annimali fosthom it-tigieg u kien cemplilha ghaliex kienet barra u qallha li meta tasal id-dar ried ikellimha. Marret id-dar b'imsarna f saqajgha u taha daqqa ta' ponn fuq ix-xoffa u dan ghaliex neset titma l-annimali. Taf li kien is-sajf met sehh dan l-incident tas-sena 2018. Tiftakar li kien hemm episodju iehor fejn missierha kien xoghol meta ma tematx iz-zimel ghaliex kienet minghaliha li kien sejjer xi hadd jitimghu. Meta wasal missierha id-dar hija kienet qed taghmel l-ischool work taghha u beda jghajjat ghaliex hadd ma kien tema iz-zimel u qabad il-basket ta' l-iskola u garahulha. Dak il-hin beda billi ipprova jaqbad xaghar il-mummy u beda gej u sejjer fil-kamra u itiha b'idejh.

Tiftakar pero li meta ipprova igara lil ommha l-isfel mit-tarag dan sehh fit-13 ta' Jannar, 2019 wara li kienet ghada kemm giet id-dar mill-isptar u wara marret il-home. Taf li ommha bdiet tghajjat u tghidlu *'tgaranix ghaliex lilek ma ghamiltlek xejn hazin'*. Taf li garaha izda laqghet bis-self defence u ma waqghetx. Qal li ma huha kien imur tajjeb missierha izda ma ohtha iz zghira ukoll kien ikollu xi jghid. Tiftakar

indcident iehor meta kienu x-Xghajra u ohtha iz zghira rat wirdiena u bdiet tghajjat ghax tibza minnhom u missierha dahal ghaliha u beda itiha waqt li jghajjat maghha u dan kien fis-sajf ta-sena 2018. Darb ohra waqt li kienu barra missierha kien qed jaqta' dulliegha u ohtha ridet bicca u beda jghajjat u kien ser igaralha is-sikkina u d-dulliegha. Ohtha bdiet tghajjat ghal mummy u tibki ghaliex hassitha imbezza.

Mistoqsija jekk hux minnu li l-glied ma missierha beda ghaliex kellha boyfrined li missierha ma approvax wiegbet fl-affermattiv u qalet li qlat hafna swat minghand missierha minhabba dan il-guvni u anke demm min imnihirha hareg. Dak in-nhar pero meta xehdet qalet li ma kienitx ghada fir-relazzjoni mieghu.

**PS 43 Keith Darmanin** xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2019[5] u jghid li bejn it-12 u 13 ta' Jannar, 2019 kien qed izomm *road checks* u ghal habta ta' nofs il-lejl ircieva telefonata minghand PC 488 li qallu li kien hem persuna li dahlet l-isptar mill- Qrendi li kienet qed titlob l-ghajnuna tal-pulizija minhabba xi griehi li kient irceviet. Ghalhekk huwa flimkien ma PC 429 u WPC 370 marru ikelmuha l-isptar. L-isptar saru jafu tramite PC 448 li l-persuna kien jisimha Moira Green. Din spjgatilhom li dakinhar tat-12 ta' Jannar, 2019 kienet id-dar ma zewghha fis-sodda u kellha argument ma zewgha ghaliex ried ikollu x'jaqsam maghha u mar riditx . Spjegat li dak il-hin qabad u feriha f'rasha u f'saqajha billi beda itiha bis-sieq u garbet xi griehi f'wiccha. Qal li demm fuq l-eyebrows taghha ra dakinhar ukoll. Dak il-hin talbu l-assitenza tas-social workers u marru jghamlu *risk assessment*. It-tabiba harget certifikat mediku li s-sinjura Green kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa. Huma baghtu ghal Brian Green u tawh is-solita twissija u drittijiet legali u dan ammetta maghhom li vera kien messha f'rasha jekk ghandha xi griehi pero ma tahiex bis-sahha. Qalilhom li seta kien li laqatha b'dufrejgh.

Qallu li meta fit-13 ta' Jannar 2019 martu telqet mid-dar haliet warajha hanadbag u meta fethu sab li kien hemm tlett elef euro (€3,000) fih u beda jissuspetta li seta missiethom biex tkun tista titlaq mid-dar. Fl-ghassa kien hemm it-tifla Nicole u din fil-preesnza tas-social workers bdiet tibki u tghid li ma tixtieqx tixhed kontra ommha izda kienet imbezza minn missiserha u ghalhek jekk tixhed kontra ommha kien biss ghaliex hi imbezza.Nicole ikkonfermat li ftit gimghat qabel missierha kien refa idejh fuqha u fuq ohtha iz-zghira izda fuq huhom iz-ghir qatt ma refa idejgh. Wara li

[5] Fol. 135 tal-process

sema dan, iddecida li ikellem lill-ispettur Atard sabiex dan Brian Green jigi arrestat u b'hekk it-tfal jkunu protetti. It-tfal ittihdu maz-zija taghhom il-Qrendi stess u ghall-habta tas-6.30 pm mar Dar Merhba Bik flimkien ma l-ispettur. Hemmhekk tkelmu ma Moira Green u din ikkonfermat dak li kienet qaltilhom qabel u li sahansitra anke kienu semghu minghand it-tifla Nicole  Qaltilhom li din l-istorja kienet ilha tirrepeti ruha ghal dawn l-ahhar tlett snin fejn l-ewwel Brian beda jaqbadhom minn xaghrhom izda wara anke beda itihom id-daqqiet. Misotqsja jekk Brian kienx irrapjha jew uza xi forza biex jkollu penerazzjoni u din wiegbet fin-negttiv.

**Brian Green** kien irrilaxja stqarrija nhar il-14 ta' Janna,r 2019 jumejn wara l-ahhar incident u kkonferma li ghandu tlett itfal u li jahdem bhala taxi driver u undertaker Mistoqsi jispjega x'gara fl-incident bejn it-12 u 13 ta' Jannar 2019 jghid li ma jiftkarx izda li jaf hu li martu telqet mid-dar  fid-9.00p.m u ma irritornatx lura qabel l-ghada fid-9.00a.m. Qal li kien ipprova ifittixha u icempel lil misierha u neputija tgahha izda ma wegbuihx. Kienet biss ommu li wegbitu. Mistoqsi jekk hux minnu li kien jigbed lil Nicole minn xaghrha jghid li kien hemm okkazzjoni meta kienet ser tghereq u gibidha minn xaghrha u darba ohra minhabba li kellha relazzjoni ma Gharbi u qaltilhom li kienet intemmet izda sar jaf li ma kienx minnu. It tielet darba meta bdiet tahdem u qalet elf euro ( €1,000) u marret iddejnet ma tal- hanut ghaliex xtrat mobile li jiswa elf u mitt euro (€1,100) qal taha hafna flus tant li ghandha sebghin elef euro (€70,000) taht rasha. Mistoqsi jekk hux minnu li ricentement kien ikollu xi jghid ma martu u uliedu jghid li kul kopja ikollha xi jghidu pero jekk martu xebghat minnu messha qaltlu. Qal li hu m'ghandux xi igerger minn martu jew/u uliedu.

Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2019 xehed  volontarjament il-qorti  u jghid li kien ilu mizzewweg lil Moira Grenn ghal dawn l-ahhar dsatax-il sena u nofs izda ma jafx x'kien gara f'dawn l-ahhar tlett snin. Qal li kellhom tlett itfal Nicole li ghandha tmintax-il sena u tewmin Dean u Kirsty li ghandhom ghaxar snin. Qal li f'dawn l-ahhar tlett snin meta kien jersaq lejn martu biex ikollhom x'jaqsmu ma tkunx trid. Jghid li huwa ragel tal-familja tant li johroghom jieklu fil-weekends u jsifru flimkien bhala familja.

Spjega li nhar it-12 ta' Jannar, 2019 kien id-dar fis-sodda ma martu ghall-habta tat-8.30p.m Uliedu iz-zghar kienu reqdin u bintu l-kbira kienet harget mal-hbieb. Ghalhekk haseb li kien hin tajjeb biex javvicina l-mara. Martu ma riditx taf u dar

fuqha u qallha *'bilfors ghandek lil xi hadd iehor'*. Qamet minn fuq is-sodda huwa waddab lighter u jahseb li kien dak il-hin li laqatha. Martu infaqghet tibki fuq is-salott u harget mid-dar  ghal habta tad-9.00p.m Mistoqsi jekk baqghax fis-sodda jghid li iva.  Mistoqsi ghaliex bdiet tibki jghid li kellha ftit demm. Mistoqsi jekk kellhomx xi jghidu jghid li iva ftit pero b'mod verbali ghaliex hu ma qamx mis-sodda. Qal li minn dak li jaf fil-11.00p.m marret ghand ohtu Marbeck u talbitha mobile u li l-ghada fis-6.30 a.m cempillu s-surgent u qallu li iridu ikelmuh l-ghassa fis-1.00p.m. Jghid li ghamel lejl imqajjem jistenna l-mara u ma jafx x'sar minnha. Qal li uliedu kienu god-dar. Bintu Nicole irrirtornat lura d-dar ghall-habta tas-1.30 bil kiss inkiss u marrt torqod . L-ohrajn kienu gja reqdin u baqghu reqdin. Qal li l-ghada hareg ifittex il-mara ma bintu.  Martu giet lura id-dar ghal habta tad-9.00a.m u qaltlu li ghamlet lejl l-isptar minhabba il-girfa li kellha fuq mohha. Mistoqsija jekk qaltlux kif sehhet jghid li qaltlu li grat bil-lighter. Qal li ma qaltlux fejn kienet lejl shih wara li iddewwiet u talabha terga tohrog 'l barra. Qal li martu damet id-dar ftit minuti qabel ma regghet harget. Qal li ma messhiex u kien biss bil-paroli li kecciha 'l barra dak il-hin.

Mistoqsi jekk ivverifikax fejn kienet martu dak il-lejl jghid li iva u irrizulta li kienet marret l-isptar u damet hemm san nofs siegha ta' filghodu. Jghid li il-ferita sehhet meta ex admisses ighid *' jien lighter kul ma waddabtilha u intlaqghet fuq is-suf ta' ghanjnha'*. Jghid li ir-relazzjni tieghu mat-tfal kienet tajba u li fil-weekends kien jiehu hsieb it-tfal tieghu y dawk u tal-girien.  Illum pero jghid li ghandu relazzjoni tajba maz-zghar biss. Jiftakar li darba minnhom bintu Nicole kienet libsa gizirana li kien taha guvni li ma kellux grazzja mieghu u kien gibidha minnha u minn xaghraha u kien irrabjat hafna maghha ghax ma riedx li tohrog mieghu. Jirrepeti ukoll l-incident ta' meta marret tixtri mobile phone u hemmhekk rega gibdilha xaghrjh u dan kien fl-ahhar sena meta xehed.

Ikkunsidrat.

Ma hemmx dubdju li din il-kawza hija bazata fuq kwisjtoni ta' kredibilta. Il-Qorti trid jew temmen il-versjoni ta' kif sehhew l-incidenti b'mod partikolari dak bejn it-12 u 13 ta' Jannar 2019 kif spjegat mill-kwerelanti Moira Green  kif korroborata minn evidenza ohra, jew li tiskarta dak li itnqal minnha u temmen l-appellant. Jinghad li minkejja li hemm divergenzi ta' kif sehh l-argument ta' bejn martu Moira u l-

appellant kif spjegat mill-appellant hemm hafna affarijiet li huma korroborati minnu fir-rigward ta' dak li qalet kemm il-kwerelanti kif ukoll binthom minuri Nicole.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta. […]

**l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[6] qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja'*

Waqt li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne**[7] gie ritenut li, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"[8]

Illi l-Qorti tghamel ukoll rferenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [9], din il-Qorti diversament pr4eseduta irriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed*

---

[6] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,

[7] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003

[8] (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 8.**"**(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**9 , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**10 , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**11, **Il- Pulizija vs. Mario Pace**12 (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**13.

[9] Moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali

*jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Kien proprju ghalhekk li din il-Qorti ghamlet riassunt tax-xhieda imresqa u dan sabiex tkun f'posizzjoni ahjar li tesamina dak li intqal stante li ix-xhieda ma xedhux quddiemha u taghmel apprezzament approfoindit ta' dak li qalu individwalment f'okkazzjonijiet diversi. Trid tara jekk hemmx attendibilta u konsistenza f'dak li intqal mix-xhieda.

Fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz kollu fuq ix-xhieda ta' Moira Green. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijet konfliggenti fejn Moira Green min-naha l-wahda ssostni li l-imputat zewgha kien qabad itiha tant li feriha fuq mohha fuq l-hugbejn tax-xellug fost ghajjat u glied filwaqt li l-imputat min-naha l-ohra l-ewwel jghid li ma ghamillha xejn izda li seta laqtha bil-lighter u fl-istess hin fl-istess xhieda jghid li l-ferita sehhet meta wadbilha l-lighter. Pc 483 jghid li l-appellant ammetta maghhom li vera kien messha f'rasha jekk kellha xi griehi pero jghid '*li ma tahiex bis-sahha'*. Qalilhom li seta kien li laqatha b'dufrejgh. Din il-Qorti trid ghalhekk tevalwa jekk ix-xhieda ta' Moira Green tistax titwemmen u jekk din tistax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfront tal-imputat appellant.

Moira Green tispjega fix-xhieda taghha li verament kien hemm problema ma zewgha fir-rigward tal-intimita tar-relazzjoni taghhom. Tghid li zewgha kien irid ikollu x'jaqsam maghha anke meta it-tfal kienu ikunu imqajma u meta ma kienitx tkun trid kien jiggieled maghha, jghajjat u anke sahansitra itiha daqqiet. Tghid li dan sehh fuq medda ta' zmien izda qatt ma kienet irraportatu lill-pulizija esekuttiva biex tipprotegi l-familja. Tghid li anke binthom Nicole xtaqet tirraporta l-agir ' missierha l-appellant izda ma hallithix biex ma tfarrakx familja. Tispjega kif kien igib ruhu hazin kemm maghha kif ukoll ma uliedha Nicole u Kirsty.

Dan l-incident tat-12 ta' Jannar 2019 tghid li kienet id-dar mar-ragel fis-sodda u li uliedha iz-zghar it-tewmin kienu ghadhom imqajmin filwaqt li Nicole kienet harget mal-hbieb. Tispjega li kif waqt li kienu fis-sodda u Brian jghid ghall-habta tat-8.30pm

dan ried ikollu x'jaqsam maghha u hi ma riditx ghaliex uliedha it- tewmin kienu ghadhom imqajmin. Brian jghid li dak il-hin kienu reqdin. Cio nonnostante li ma riditx tkompli mieghu u tghid li qabad jghatiha bis-sieq u bil-ponn u f'hin minnhom laqatha f'mohha u ikkagunalha ferita. Spiccat b'wiccha bid-demm u zewgha kecciha 'l barra mid-dar b'ta fuqha senduqa. Marret ghand il-familjari tieghu biex tispjegalhom minn dak li kienet ghaddejja u ohtu Marbeck Axiaq silfitha il-mobile taghha peress li taghha kienet hallietu id-dar. Tghid li marret l-isptar biex tigi imdewwija. Hemmhekk rat tabib Dr. Ang Giok Kheng li kkonfermat li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa fuq wiccha fuq ix-xellug fuq l-hugbejn taghha u kien hemm ukoll tbengil u ghajnejha kienet minfuha u kellha ukoll ticrita ta' 2cm fuq il-minkeb taghha tax-xellug. Ikkonfermat li dawn sehhew minhabba l-aggressjoni ta' zewghha. Waqt i kienet l-isptar bintha Nicole marret tarha u kkonfermat li rat lill-ommha bid-demm f'wiccha.

Nicole tghid li marret lrua id-dar u ma infurmatx lil missierha li kienet marret u rat lill-ommha u li missierha qallha li kien kecca lill-ommha mid-dar ghaliex kellha wicc haddiehor. Pero l-appellant dan jichdu u jghid li dakinhar Nicole marret id-dar ghal habta tas-1..30a.m inkiss inkiss u marret torqod u ma kellimhiex sa l-ghada filghodu wara li irceiva telefonata mill-ghassa biex imur ikellimhom fis-1.00p.m Nicole tghid li l-ghada filghodu misierha l-appellant kien hadhom iduru it-toroq tal- ekwati ifittxu lill-ommhom pero hija kieent taf li ommha kienet l-isptar.

L-appellant fl-istqarrija,meta mistoqsi jekk kellux xi jghid ma martu dak il-lejl bejn it-12 u 13 ta' Jannar 2019 jghid ex admisses ' *Ma nafx x'gara kelli argument maghha fit-12 ta' Jannar 2019 ghal habta tal 9.00p.m fejn hi kienet telqet 'l barra u ma irritornatx lura qabel id-9.00a.m X'gara f'dak il-hin ma nafx u jien ippruvajt incemplilha u ma wegbitx'* Mistoqsi jekk kienx l-uniku incident jghid ' *ma nahsibx li nies miggildin mizzewga miggielda u ir ragel ihalsilha lilha u liz-zewg ulied bniet vjagg b'akkomodazzjoni u card mimlija flu sabeix jonfqu kemm iridu ghax it-tifel ma riedx imurmaghhom.'*

Meta xehed il-Qorti pero jaghti versjoni differenti u jghid li dakinhar pprova jersaq lejn martu ghall-habta tad-9.00 u qallha ' *dan bilfors ghandek xi hadd xi relazzjoni ohra'* Moira qamet minn fuq is-sodda u dak il hin jghid li ' waddabt lighter, nahseb li dak il-hin ilqattha ghax bqajt fis-sodda, infaqghet tibki fuq is-salott u x'hin fethilha harget mid-dar'. Mistoqsi ghaliex bdiet tibki jghid ' *tibki – l-ewwel nett beda hiereg ftit...* u

mistoqsi jekk kellhomx argument jghid ' **kelna daqxejn'** u l-Qorti tistaqsi *'argument kif'argument bil-kliem*?' u huwa iweigeb '*bil-kliem bil kliem'*. Meta tkellem ma PC 488 dan qallu li seta laqat lil mara b'dufrejh.

Aktar tard fl-istess xhieda li ta' l-Qorti jghid li martu qatlu li l-girfa sehhet ghax laqatha bil-lighter u dak il-hin mistoqsi mill-Qorti jekk laqathiex bil-lighter jghid '*iva'*. Mistoqsi jekk misshiex jghid li 'le'[10]. Fl-ebda hin pero ma jghidx kif spiccat bi tbengil fuq hugbejha u fuq il-minkeb.

L-appellant jipprova jaghti dehra li huwa ragel tal- familja u li jikkoregi lil bintu meta din tizbalja. Bintu Nicole min naha l-ohra tghid li tibza' minn missierha tant li anke lill-pulizija qaltilhom dan. Tispjega diversi incidenti meta missierha gibidha minn xaghara u ghajjat maghha. Uhud minn dawn l-incidenti huma konfermati minn Brian stess pero jghid li ghamel hekk biex jikkoregiha. Tispejga kif anke ohtha iz-zghir Kirsty kienet vitma ta' misierha meta sahansitra kien ser igaralha dulliegha u sikkina ghax talbitu bicca. Dan kollu li tghid Nicole dwar missierha jikkonferma dak li qalet Moira fis-sens li huwa bniedem aggresiv u li anke lill uliedu isawwat. Meta gie mistoqsi b'mod skjet mill-avukat difensur il-Qorti[11] jekk gili sawwathiex b'referenza ghal mara jghid *'ma jidhrilix, jien ma niftakarx. Mizmuma fuq wicc l-idejn kemm kelli flus lanqas kont naf' kollox f'idejha.'* Dan l-agir zgur li ma iwassalx lil Qorti temmen li ma kienx isawwat lil martu. Zgur li kieku ma refa idejgh qatt fuqha kien jiftakar. Il-flus mhux kollox fil-hajja izda ir-rispett u l-imhabba ghandhom dejjem jipprevalu f'relazzjoni. Jidher li kien hemm problema fl-intimita taghhom u dan ma kienx qed jaccetaha u kien ghalhekk li kien isawwatha biex isib sfog.

Mhemmx dubbju li l-ferita li kellha Moira Green giet kagunata bejn il-lejl ta' 12 u 13 ta' Jannar 2019 u dan minn l-appellant. Gie pruvat li tali ferita kif konfermat mit-tabiba Dr Ang Siok Kheng (Med Reg 5921) hija ta' antura hafifa. Ma hemmx dubju ukol lli l-appellant ikkaguna kemm lil martu Moira u bintu Nicole biza li ser tintuza vjolenza kotnra taghhom. Dan tghidu kemm Moira li tghid li kienet tibza mir-ragel u l-minuri li tghid kemm kienet tibza minn misierha tant li anke imsarna f'saqjha kien ikollha meta kien icemplilha. Naturalment din il-biza hija bazata minhabba l-episodji ta' swat , tigbid tax-xaghar u dak li li ghaddiet minnu.

---

[10] Fol. 148

[11] Seduta ta' l-31 ta' Ottubru 2019 fol. 150

B'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali, Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li

(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor

(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm course of conduct – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom **Il-Pulizija vs. Alex Caruana Carabez**,[12] **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**,[13] **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**,[14] **Il-Pulizija vs Julian Genovese**,[15] **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**,[16] **Il-Pulizija vs. Brian Micallef**,[17] fost oħrajn.

Skont kif mistqarr fis-sentenzi **Caruana Carabez u Tivisini** f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

Ir-retroxena f'dan il-każ hija maifesta kompletament u tidher li l-agressjoni u vjolenza tieghu ipperpetwat ruhha fuq medda ta' snin ghad detriment ta' martu Moira u bintu Nicole. Mhemmx dubbju li t-terminu ta' żmien li fih jista' jiġi imputat course of conduct huwa provat wkoll. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti issib lill-imputat appellant ħati ta' din l-imputazzjoni ukoll.

Ghalhekk fid-awl ta' dak li intqal aktar il-fuq iz-zewg akkzuai jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti.

[12] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-21 ta' Gunju,2007
[13] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-27 ta' Frar, 2009;
[14] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-24 ta' April 2009
[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-12 ta' Awwissu 2010
[16] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar k-24 ta' Jannar,2011;
[17] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-14 ta' Ottubru, 2011

Dwar it-tielet aggravju jinghad li l-appellant qed isostni l li l-piena errogta hija wahda eccessia fic-cirkotanzi . Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [18]deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

*'It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe*

[18] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ( superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005

*side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,** [19], din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** [20] fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

[19] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ( superjuri) nhar is-16 ta' Dicembru 2005
[20] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ( superjuri) nhar is-26 ta' Frar, 2009

*'Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena.'*

Id-difiza ghamlet referenza fir-rikros tal-appell ataghha ghal sentenzai phra dwar piena moghtija mill-Qrati nostrana u f'dan ir-rigward dinil-Qorit tghid li S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor'[21].

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qiset idervsri fatturi qabel ma errogata il-piena fosthom is-segwenti:-

1. Il-fatt li l-incident sehh qabel ma gew introdotti l-emendi bl-Att III tas-sena 2020 u ghalhekk il-piena applikabbli hija dik fis-ehh tat-12 ta' April 2019 u qabel u cioe prigunerija ghal mzien minn tlet xhur sa sitt xhur u multa ta' mhux inqas minn €4,658.75 u mhux izjed minn €11,646,87 jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Naturalment japplikaz iz-zidiet mandatorji fil-piena b'effett ta' l-Artikolu 251H tal kap 9.
2. Il-fedina penali tal-imputat li tindika li l-appellant ghandu storja ta' imgieba aggressiva .

[21] Vide Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et

3. Il-fatt li gja instab hati ta' reati fejn jidhlu agir abbusiv tieghu billi hebb u kkaguna feriti anke ta' natura gravi fuq terzi u li kiser il buon ordniu paci pubblika
4. Il-fatt li ir- reati odjerni saru fuq membri tal-familja

Jirizulta li l-appellant ma tghallem xejn mill-passat tieghu u ma gharafx il-boznn li huwa jirriforma ruhu anzi gharaf li isarraf l-aggrssjoni tieghu fuq proprju membri tal-familja tieghu martu u uliedu. Dan l-agir huwa wiehed inacettabli u m'ghandhux jigi sopportat f'socjeta civilizzata. Ghalhekk temmen li ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li imponiet piena karcerarja fil-konfront tieghu minkejja li ghazlet li tissospendi din il-piena u dan sabiex jiehu din l-opportunita li jittanta jirriforma u jirrabilita l-persuna tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' mertu anke fir-rigward ta' peina inflitta.

Qeda ukoll tikkonferma l-Ordni ta' Trazzin li harget fil-konfront ta' Moira Green u Nicole Green ai termini tal-artikolu 382A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kwantu ghal zmein sentejn fir- rigwad Moira Green u kwantu ghal zmein sittt xhur fir rigward ta' Nicole Green.

Qeda tikkonferma ukoll ai termini tal-artikolu 412D tal kap 9 il hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Brian Green sabiex jinghata trattament biex jitghallem jikkontrolla ir- rabja tieghu u dan ghal perijodu ta' sentejn mill illum u dan taht dawk il-kundizjonijiet imsemmija fid-digriet anness mas-sentenza ta' l-ewwel Qorti

Din il-Qorti regghet spjegat fi kliem car lil hati ir- responsabilita tieghu taht l-artikolu 28A tal kap 9 u x'jigri fil-kaz li huwa jikkommetti reat iehor fil-perijdou operattiv ta' din is-sentenza ta' prigunerija sospiza

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur